MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)
## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-3 ta' April, 2014

Rikors Kongunt Numru. 60/2014

AB

**u**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors konguntiv li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettew:

1. Illi l-partijiet izzewgu fis-seba' (7) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija sitta u disghin (1996) fil-Knisja Parrokjali ta' Hal Tarxien;
2. Illi minn dan iz-zwieg twieled il-minuri Negai Galea nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002) u kwindi ghadu minorreni;
3. Illi dan iz-zwieg tkisser irremedjabbilment u l-partijiet kienu gew debitament awtorizzati permezz ta' digriet ta' din il-Qorti ta' nhar is-seba' (7) ta' Awissu 2007, sabiex jipprocedu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni personali;
4. Illi ghalhekk is-separazzjoni personali bejn il-partijiet hija regolata permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali in atti tan-Nutar Dottor Marco Farrugia kopja legali hawn annessa u mmarkata Dok A;
5. Illi l-esponenti ilhom separati legalment ghal aktar minn erba' (4) snin;
6. Illi ma hemmx possibilita' li l-partijiet jerghu jirrikonciljaw;

7. Illi skont il-kuntratt ta’ separazzjoni, Alfred Galea jhallas manteniment ghall-minuri Negai Galea, u dan l-ammont qieghed jithallas skont kif miftiehem;
8. Illi skont il-klawsola 5 tal-kuntratt ta’ separazzjoni personali in atti tan-Nutar Dottor Marco Farrugia, il-partijiet iddekadew b’mod reciproku ghall-manteniment;
9. Illi ghalhekk ir-rekwiziti tal-Artikolu 66B huma kollha rispettati, kif tirrikjedi l-ligi;

Talbu li din il-Qorti joghgobha :

a) Tiddikjara li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet nhar is-seba’ (7) ta’ Settembru 1996, jigi mahlul u dikjarat bhala xolt;
b) Tordna li d-digriet ta’ din il-Qorti jigi notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex dan il-hall taz-zwieg jigi debitament registrat skont il-ligi; u
c) Taghti kull provvediment ulterjuri li din il-Qorti jidrilha xierqa u opportun;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta’ Marzu, 2014;

Rat l-affidavits bix-xhieda tal-partijiet;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi

ilhom legalment separati ghal aktar minn erba' snin u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi il-partijiet ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------